Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/0545(COD)

28.4.2026

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-ittrekkjar tan-nefqa baġitarja u għall-prestazzjoni tal-baġit u regoli orizzontali oħrajn għall-programmi u għall-attivitajiet tal-Unjoni (COM(2025)0545 – C10-0166/2025 – 2025/0545(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Lina Gálvez

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-baġit huwa l-għodda ewlenija għall-azzjoni politika, peress li jistabbilixxi l-futur u l-għan li rridu nilħqu. Il-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu impatt kbir fuq ħajjet in-nies, kemm fl-Ewropa kif ukoll barra minnha, u naturalment fuq ħajjet in-nisa madwar id-dinja. Il-baġit fit-tul li jmiss tal-UE jirrappreżenta opportunità ewlenija biex jiġu ssalvagwardjati u msaħħa l-prosperità, il-paċi u d-demokrazija, abbażi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tal-prijoritajiet soċjali u tas-sostenibbiltà ambjentali. Madankollu, il-proposta attwali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034 ma tindirizzax b'mod adegwat l-isfidi li n-nies jiffaċċjaw illum u ma tagħtix prijorità lil dak li huwa verament importanti fil-ħajja tan-nisa biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

L-implimentazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-QFP kollu ma twettqitx bis-sħiħ. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri tidher bħala prinċipju orizzontali iżda għad fadlilha biex tkun fl-istess livell bħall-prinċipji soċjali jew klimatiċi. L-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija inqas komprensiva u inqas istituzzjonalizzata minħabba differenzi fil-metodoloġiji tal-indikaturi, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa limitat ħafna, ma għandhiex mira tal-infiq u lanqas metodu ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" li jivvaluta l-effetti negattivi potenzjali. Fl-aħħar nett, tikkostitwixxi l-aktar rabta dgħajfa fost l-objettivi stabbiliti fil-proposti għal regolamenti dwar il-programmi, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tat-TFUE, li jistipula li "[f]l-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa".

Il-kisba ta' ugwaljanza reali bejn il-ġeneri tirrikjedi approċċ aktar trasformattiv li jinvolvi l-eżami u t-tfassil mill-ġdid ta' sistemi u strutturi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għal kulħadd. Dan jimplika l-espansjoni tal-applikazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri biex tkopri l-programmi kollha tal-QFP u l-iżgurar li l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġi applikat b'mod konsistenti fil-baġit kollu tal-UE. Jeħtieġ li ndaħħlu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha sabiex l-oqsma ta' politika kollha jadottaw perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. F'xenarju ideali, b'taħriġ speċifiku fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u politiki allinjati biex javvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkunu qed inħarsu lejn proposta regolatorja soda min-naħa tal-Kummissjoni. Iżda r-realtà hija dik li hi, u hemm ir-riskju li l-prinċipju teoretiku, maħsub sew u trażversali tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiddgħajjef meta jitqiegħed fil-prattika, u b'hekk, fl-aħħar mill-aħħar, inkunu qed nagħmlu pass lura aktar milli 'l quddiem.

S'issa, l-UE qagħdet fuq approċċ doppju għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Minn naħa waħda, hemm azzjonijiet speċifiċi u finanzjament immirat għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, żgurati permezz ta' objettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri speċifiċi għall-programm. Min-naħa l-oħra, hemm integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri matul iċ-ċiklu baġitarju, mill-programmazzjoni sal-implimentazzjoni permezz tal-evalwazzjoni, inkluż permezz tal-ittrekkjar tan-nefqa mill-perjodu 2021-2027. Il-QFP 2028-2035 ma għandu l-ebda finanzjament allokat purament għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li jimmarka t-tmiem ta' perjodu ta' aktar minn 30 sena li fih l-Ewropa, wara l-Konferenza ta' Beijing u l-introduzzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, iffinanzjat proġetti biex javvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Ir-rapporteur tfakkar li l-istandards internazzjonali, bħall-metodoloġija ta' traċċar tal-OECD u tal-EIGE, jistabbilixxu valutazzjoni obbligatorja tal-impatt fuq il-ġeneri, analiżi tal-ġeneru

biex tinforma t-tfassil tal-interventi, objettivi espliċiti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u approċċ ta' "la tagħmilx ħsara". Ir-rapporteur tissottolinja wkoll l-importanza li jitwessgħu l-oqsma ta' intervent fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri sabiex jiġu riflessi l-objettivi tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bħal dawk tal-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa żviluppat fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030, u tipproponi mira tal-infiq għall-finanzjament u koeffiċjenti ġodda għall-applikazzjoni. L-Ewropa għamlet progress sinifikanti fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iżda l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għadha kompitu mhux mitmum. Fil-klima attwali, ikkaratterizzata minn reazzjoni negattiva qawwija kontra d-drittijiet tan-nisa, hemm bżonn ta' integrazzjoni akbar u aktar effettiva ta' perspettiva tal-ġeneru fil-baġit tal-UE.

EMENDA

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits u lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitati responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi l-elementi kemm ***għal traċċar*** tan-nefqa kif ukoll ***għal qafas ta' prestazzjoni*** applikabbli għall-implimentazzjoni tan-nefqa xierqa għal kull metodu ta' implimentazzjoni u li jikkomplementa r-regoli tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (il-"baġit") bħala parti mir-regoli finanzjarji skont it-tifsira tal-Artikolu 322(1), il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-monitoraġġ tal-infiq baġitarju, dwar il-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u tal-attivitajiet tal-Unjoni, kif ukoll regoli dwar l-evalwazzjoni tal-programmi u tal-attivitajiet. Dan ir-Regolament għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi regoli komuni biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u tal-	(1) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi l-elementi ***għal qafas*** kemm ***għall-ittrekkjar*** tan-nefqa kif ukoll ***għall-prestazzjoni*** applikabbli għall-implimentazzjoni tan-nefqa xierqa għal kull metodu ta' implimentazzjoni u li jikkomplementa r-regoli tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (il-"baġit") bħala parti mir-regoli finanzjarji skont it-tifsira tal-Artikolu 322(1), il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-monitoraġġ tal-infiq baġitarju, dwar il-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u tal-attivitajiet tal-Unjoni, kif ukoll regoli dwar l-evalwazzjoni tal-programmi u tal-attivitajiet. Dan ir-Regolament għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi regoli komuni biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u tal-

ugwaljanza bejn il-ġeneri; kif ukoll regoli komuni oħra applikabbli fil-baġit kollu bħal dawk għall-istabbiliment ta' Gateway Unika, u regoli dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi elementi addizzjonali għall-monitoraġġ u għar-rapportar, inklużi indikaturi rilevanti, għall-fini tal-kejl tal-impatt tal-politiki u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b'mod aktar wiesa'.	ugwaljanza bejn il-ġeneri ***skont l-Artikolu 8 tat-TFUE li jistipula li "[f]l-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa"***; kif ukoll regoli komuni oħra applikabbli fil-baġit kollu bħal dawk għall-istabbiliment ta' gateway unika, u regoli dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi elementi addizzjonali għall-monitoraġġ u għar-rapportar, inklużi indikaturi rilevanti, għall-fini tal-kejl tal-impatt tal-politiki u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b'mod aktar wiesa'.
[3] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU J L, 2024/2509, 26.9.2024).	[3] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU J L, 2024/2509, 26.9.2024).
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***It-traċċar*** tan-nefqa jirreferi għall-monitoraġġ ta' kif il-fondi tal-programmi tal-baġit tal-Unjoni jintużaw fil-kategoriji ta' attivitajiet, biex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà. Il-monitoraġġ jibbaża primarjament fuq l-impenji baġitarji, li huma indipendenti mill-mudell tal-implimentazzjoni tal-programmi u kif il-fondi jiġu żborżati lill-benefiċjarji.	(2) ***L-ittrekkjar*** tan-nefqa jirreferi għall-monitoraġġ ta' kif il-fondi tal-programmi tal-baġit tal-Unjoni jintużaw fil-kategoriji ta' attivitajiet, biex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà. Il-monitoraġġ jibbaża primarjament fuq l-impenji baġitarji, li huma indipendenti mill-mudell tal-implimentazzjoni tal-programmi u kif il-fondi jiġu żborżati lill-benefiċjarji. ***Is-sistema ta' traċċar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jeħtieġ li tiddependi bis-sħiħ fuq standards internazzjonali, bħall-istandards tal-OECD, u r-rapporti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***
	Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) F'konformità mal-Artikolu 8 tat-TFUE, l-Unjoni għandha fl-attivitajiet kollha tagħha timmira li telimina l-inugwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa. Għalhekk, l-Artikolu 33(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jistabbilixxi r-rekwiżit għall-implimentazzjoni ta' programmi u attivitajiet li jqisu l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'konformità ma' metodoloġija xierqa għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri***, meta jkun fattibbli u xieraq***. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi sett wieħed ta' regoli għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri b'mod konsistenti. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, filwaqt li jibni fuq il-metodoloġija żviluppata mill-Kummissjoni fil-QFP 2021-2027 u użata għall-ewwel darba għas-sena finanzjarja 2021, biex titkejjel in-nefqa li tikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz ta' sistema ta' punteġġi bbażata fuq l-objettivi segwiti minn attivitajiet appoġġati mill-programmi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi aktar gwida biex tiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' dak il-prinċipju. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jispeċifika wkoll liema data miġbura fir-rigward tal-indikaturi tal-prestazzjoni jenħtieġ li tiġi diżaggregata***, meta jkun fattibbli u xieraq, skont*** il-ġeneru.	(8) F'konformità mal-Artikolu 8 tat-TFUE, l-Unjoni għandha fl-attivitajiet kollha tagħha timmira li telimina l-inugwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa. Għalhekk, l-Artikolu 33(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jistabbilixxi r-rekwiżit għall-implimentazzjoni ta' programmi u attivitajiet li jqisu l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'konformità ma' metodoloġija xierqa għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi sett wieħed ta' regoli għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri b'mod konsistenti. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, filwaqt li jibni fuq il-metodoloġija żviluppata mill-Kummissjoni fil-QFP 2021-2027 u użata għall-ewwel darba għas-sena finanzjarja 2021, biex titkejjel in-nefqa li tikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz ta' sistema ta' punteġġi bbażata fuq l-objettivi segwiti minn attivitajiet appoġġati mill-programmi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi aktar gwida biex tiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' dak il-prinċipju. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jispeċifika wkoll liema data miġbura fir-rigward tal-indikaturi tal-prestazzjoni jenħtieġ li tiġi diżaggregata ***skont is-sessi, sabiex ikun hemm statistika dwar*** il-ġeneru.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Fil-qafas tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, il-Kummissjoni żviluppat metodoloġija għall-ittrekkjar tan-nefqa relatata mal-ġeneru fil-baġit tal-Unjoni, li ilha tiġi applikata mill-2021. Din il-metodoloġija tittratta l-kontribuzzjoni baġitarja għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri ta' kull programm, kif ukoll il-kontribuzzjoni baġitarja ġenerali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Iċ-ċifri juru li 12 % biss tal-baġit tal-Unjoni (EUR 158,4 biljun) bejn l-2021 u l-2024 appoġġa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-kostijiet ekonomiċi, finanzjarji u soċjali marbuta mat-tibdil fil-klima, mal-perikli naturali, mal-emerġenzi tas-saħħa, mal-aċċidenti teknoloġiċi, mat-theddid għas-sigurtà li qiegħed jevolvi, u ma' tfixkil ieħor qegħdin jiżdiedu. Huwa essenzjali li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jantiċipaw il-kriżijiet, id-diżastri u l-impatti tat-tibdil fil-klima, u li jħejju u jirrispondu għalihom, u li jipproteġu l-investimenti taħt il-baġit tal-	(12) Il-kostijiet ekonomiċi, finanzjarji u soċjali marbuta mat-tibdil fil-klima, mal-perikli naturali, mal-emerġenzi tas-saħħa, mal-aċċidenti teknoloġiċi, mat-theddid għas-sigurtà li qiegħed jevolvi, u ma' tfixkil ieħor qegħdin jiżdiedu. Huwa essenzjali li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jantiċipaw il-kriżijiet, id-diżastri u l-impatti tat-tibdil fil-klima, u li jħejju u jirrispondu għalihom, ***minn perspettiva sensittiva għall-ġeneru,***

UE, kif ukoll li jsaħħu s-sigurtà interna. Għalhekk, il-preparatezza u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima mid-disinn jenħtieġ li jiżguraw li l-programmi u l-attivitajiet rilevanti jappoġġaw riformi u investimenti li jsaħħu l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u tal-kriżijiet, jinvestu fir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, itejbu r-reżiljenza tal-funzjonijiet soċjetali vitali, u jibnu soċjetajiet aktar reżiljenti, sikuri u ppreparati, f'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza tal-UE[7], l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna[8] u l-obbligu tal-UE skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/1119[9] (il-"Liġi Ewropea dwar il-Klima") biex titnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima.

u li jipproteġu l-investimenti taħt il-baġit tal-UE, kif ukoll li jsaħħu s-sigurtà interna. Għalhekk, il-preparatezza u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima mid-disinn jenħtieġ li jiżguraw li l-programmi u l-attivitajiet rilevanti jappoġġaw riformi u investimenti li jsaħħu l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u tal-kriżijiet, jinvestu fir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, itejbu r-reżiljenza tal-funzjonijiet soċjetali vitali, u jibnu soċjetajiet aktar reżiljenti, sikuri u ppreparati, f'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza tal-UE[7], l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna[8] u l-obbligu tal-UE skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/1119[9] (il-"Liġi Ewropea dwar il-Klima") biex titnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima.

---

[7] ***Komunikazzjoni*** Konġunta dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza, JOIN(2025) 130 final.

[8] Il-Komunikazzjoni dwar ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna, COM(2025) 148 final.

[9] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

[7] ***Il-Komunikazzjoni*** Konġunta dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza, JOIN(2025) 130 final.

[8] Il-Komunikazzjoni dwar ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna, COM(2025) 148 final.

[9] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Skont ir-rapport speċjali tal-2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), metodoloġija xierqa għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tibda b'valutazzjoni ex ante tal-impatt tal-inizjattivi fuq il-ġeneru, sabiex is-sejbiet

ikunu jistgħu jiġu inkorporati fit-tfassil tal-programmi u tal-fondi; tinvolvi wkoll l-inkorporazzjoni tal-objettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-regolamenti li jirregolaw il-programmi kollha. Barra minn hekk, il-programmi kollha jridu jiżguraw li jkun hemm attivitajiet ta' appoġġ li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll tfassil ta' programmi sensittiv għall-ġeneru, bħall-monitoraġġ tar-riżultati, inkluż it-tnaqqis tad-diskrepanzi bejn il-ġeneri, abbażi tal-ġbir u tal-preżentazzjoni sistematiċi ta' data eżistenti diżaggregata skont is-sessi għall-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Fis-7 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni adottat il-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa, li jinkludi dikjarazzjoni tal-prinċipji għal soċjetà ugwali bejn il-ġeneri. Dik id-dikjarazzjoni għandha l-għan li ssir boxxla ta' gwida għall-Unjoni lejn it-twettiq ta' soċjetà ugwali bejn il-ġeneri. Il-pjan direzzjonali ġie approvat fis-16 ta' Ottubru 2025 u sussegwentement imkabbar bl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030, adottata fil-5 ta' Marzu 2026.
	Prinċipju 1: il-libertà mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru
	Prinċipju 2: l-ogħla standards tas-saħħa
	Prinċipju 3: paga ugwali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika
	Prinċipju 4: il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-kura
	Prinċipju 5: opportunitajiet ta' xogħol indaqs u kundizzjonijiet tax-xogħol

adegwati

Prinċipju 6: edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità

Prinċipju 7: il-parteċipazzjoni politika u r-rappreżentanza ugwali

Prinċipju 8: mekkaniżmi istituzzjonali li jwasslu għar-rispett tad-drittijiet tan-nisa.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fil-programmi kollha tal-Unjoni, li jippermettu valutazzjoni komprensiva u komparabbli tal-prestazzjoni u tal-effetti tal-programmi, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema uniformi biex tiġi traċċata n-nefqa baġitarja, kif ukoll biex tiġi mmonitorjata, irrapportata u evalwata l-implimentazzjoni tal-baġit u biex ikun hemm kontribut għall-kejl tal-prestazzjoni ġenerali tiegħu. Filwaqt li tibni fuq ***l-approċċi*** eżistenti, b'mod partikolari l-approċċ għall-kejl tal-kontributi lejn prijoritajiet ta' politika ġenerali bl-użu ta' koeffiċjenti tal-UE, dik is-sistema jenħtieġ li tkun ibbażata fuq elementi komuni, jiġifieri lista ta' kategoriji predefiniti użati għall-klassifikazzjoni tal-attivitajiet appoġġati mill-baġit ("oqsma ta' intervent"), il-koeffiċjenti tal-UE assenjati lil tali oqsma ta' intervent biex jiġu ddeterminati l-kontributi tagħhom għall-politiki, u l-indikaturi tal-prestazzjoni, li jikkonsistu kemm f'indikaturi tal-output kif ukoll tar-riżultati, biex jimmonitorjaw l-effetti tal-azzjoni tal-Unjoni fil-prattika. Is-sistema jenħtieġ li tqis l-ispeċifiċitajiet ta' programmi differenti, bħad-daqs, id-durata u l-post tal-implimentazzjoni tagħha. Jenħtieġ li ma tinftehimx bħala li	(13) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fil-programmi kollha tal-Unjoni, li jippermettu valutazzjoni komprensiva u komparabbli tal-prestazzjoni u tal-effetti tal-programmi, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema uniformi biex tiġi traċċata n-nefqa baġitarja, kif ukoll biex tiġi mmonitorjata, irrapportata u evalwata l-implimentazzjoni tal-baġit u biex ikun hemm kontribut għall-kejl tal-prestazzjoni ġenerali tiegħu. Filwaqt li tibni fuq ***approċċi*** eżistenti, ***bħall-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030 u dawk żviluppati mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi,*** b'mod partikolari l-approċċ għall-kejl tal-kontributi lejn prijoritajiet ta' politika ġenerali bl-użu ta' koeffiċjenti tal-UE, dik is-sistema jenħtieġ li tkun ibbażata fuq elementi komuni, jiġifieri lista ta' kategoriji predefiniti użati għall-klassifikazzjoni tal-attivitajiet appoġġati mill-baġit ("oqsma ta' intervent"), il-koeffiċjenti tal-UE assenjati lil tali oqsma ta' intervent biex jiġu ddeterminati l-kontributi tagħhom għall-politiki, u l-indikaturi tal-prestazzjoni, li jikkonsistu kemm f'indikaturi tal-output kif ukoll tar-riżultati, biex jimmonitorjaw l-effetti tal-azzjoni tal-Unjoni fil-prattika. Is-sistema

tiddetermina l-eliġibbiltà ta’ intervent taħt il-baġit, li huwa bbażat biss fuq ir-regoli speċifiċi għas-settur. Bl-istess mod, is-sistema ***ma tistabbilix jew*** tippreġudika dak li se jiġi ffinanzjat mill-baġit jew li mhux se jiġi ffinanzjat minnu. Dik is-sistema jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għal regoli ta’ monitoraġġ u rapportar oħra li jistgħu jiġu stabbiliti biex jitkejjel l-impatt tal-politiki u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b’mod aktar wiesa’.	jenħtieġ li tqis l-ispeċifiċitajiet ta’ programmi differenti, bħad-daqs, id-durata u l-post tal-implimentazzjoni tagħha. Jenħtieġ li ma tinftehimx bħala li tiddetermina l-eliġibbiltà ta’ intervent taħt il-baġit, li huwa bbażat biss fuq ir-regoli speċifiċi għas-settur. Bl-istess mod, is-sistema ***la tistabbilixxi u lanqas*** tippreġudika dak li se jiġi ffinanzjat mill-baġit jew li mhux se jiġi ffinanzjat minnu. Dik is-sistema jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għal regoli ta’ monitoraġġ u rapportar oħra li jistgħu jiġu stabbiliti biex jitkejjel l-impatt tal-politiki u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b’mod aktar wiesa’.
	Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza, it-trasparenza, il-komparabbiltà u r-responsabbiltà fil-programmi u fl-attivitajiet kollha taħt il-baġit, jenħtieġ li jiġu pprovduti regoli komuni fir-rigward tal-evalwazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni, f’konformità mal-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Minbarra evalwazzjoni retrospettiva f’konformità ma’ dik id-dispożizzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika wkoll rapport ta’ implimentazzjoni ta’ nofs it-terminu għal kull programm jew attività li timmobilizza evidenza kwantitattiva u ta’ kwalità sabiex titfa’ dawl fuq il-progress li jkun sar ***lejn l-ilħuq tal-objettivi*** tagħhom. Meta twettaq l-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li, b’mod partikolari, timmira li tikkwantifika sa fejn ikun possibbli l-kontribut għall-objettivi tal-politika tal-Unjoni, għat-tkabbir tal-PDG u għar-rati tal-impjiegi fl-Unjoni. L-evalwazzjonijiet mill-Istati Membri jistgħu jinvolvu wkoll	(20) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza, it-trasparenza, il-komparabbiltà u r-responsabbiltà fil-programmi u fl-attivitajiet kollha taħt il-baġit, jenħtieġ li jiġu pprovduti regoli komuni fir-rigward tal-evalwazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni, f’konformità mal-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Minbarra evalwazzjoni retrospettiva f’konformità ma’ dik id-dispożizzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika wkoll rapport ta’ implimentazzjoni ta’ nofs it-terminu għal kull programm jew attività li timmobilizza evidenza kwantitattiva u ta’ kwalità sabiex titfa’ dawl fuq il-progress li jkun sar ***biex jintlaħqu l-objettivi*** tagħhom ***u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, tal-klima u tal-bijodiversità***. Meta twettaq l-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li, b’mod partikolari, timmira li tikkwantifika sa fejn ikun possibbli l-kontribut għall-objettivi tal-politika tal-Unjoni, għat-tkabbir tal-PDG u għar-rati

pajjiżi terzi, fir-rigward tal-appoġġ għal attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. L-evalwazzjonijiet jenħtieġ li jitwettqu b'mod f'waqtu biżżejjed biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u jistgħu jkopru programmi, attivitajiet, jew gruppi ta' attivitajiet.	tal-impjiegi fl-Unjoni. L-evalwazzjonijiet mill-Istati Membri jistgħu jinvolvu wkoll pajjiżi terzi, fir-rigward tal-appoġġ għal attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. L-evalwazzjonijiet jenħtieġ li jitwettqu b'mod f'waqtu biżżejjed biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u jistgħu jkopru programmi, attivitajiet, jew gruppi ta' attivitajiet.
	Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Dan ir-Regolament fih dispożizzjonijiet komprensivi dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru, li jkopru l-programmi kollha u l-istadji kollha taċ-ċiklu baġitarju, jiġifieri t-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni.
	Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri hija r-(ri)organizzazzjoni, it-titjib, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-proċessi ta' politika, sabiex tiġi inkorporata perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha, fil-livelli kollha u fl-istadji kollha, mill-atturi li normalment ikunu involuti fit-tfassil tal-politika[1a].
	[1a] Il-Kunsill tal-Ewropa, 2004.

https://rm.coe.int/1680596135

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 22c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22c) Il-kunċett tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri ġie inkorporat b'mod effettiv fil-politika pubblika internazzjonali ġenerali fl-1995, wara l-Pjattaforma ta' Azzjoni tal-Konferenza ta' Beijing, li fiha ġie definit bħala l-inkorporazzjoni sistematika ta' perspettiva tal-ġeneri fit-tfassil tal-politika. Fl-1995, l-Unjoni adottat ir-Raba' Programm ta' Azzjoni (1996-2000) dwar l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel, li inkorpora l-perspettiva tal-ġeneru. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz ta' finanzjament dirett ġiet inkluża fil-baġit tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 22d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22d) L-ibbaġitjar skont il-ġeneru huwa l-applikazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-proċess baġitarju. Dan ifisser valutazzjoni tal-baġits bbażata fuq il-ġeneru li tinkorpora perspettiva tal-ġeneri fil-livelli kollha tal-proċess baġitarju u li tagħmel ristrutturar tad-dħul u tal-infiq biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri[1a].
	[1a] Il-Kunsill tal-Ewropa, 2005.

https://rm.coe.int/1680596143

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) L-allokazzjoni u l-istabbilizzazzjoni ta' fondi speċifiċi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma riflessi fl-objettivi ġenerali jew speċifiċi fi ħdan il-prijoritajiet tal-programm, sabiex jittejbu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-infiq tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 23b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23b) Il-fergħa Daphne hija komponent ewlieni tal-Programm preċedenti tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (programm CERV). Iddedikata speċifikament għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-fergħa Daphne tibqa' fil-QFP 2028-2034 fil-qafas ta' Agora EU biex jiġi żgurat mill-inqas perċentwal tal-baġit simili għal dak fil-QFP 2021-2027.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 23c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23c) Is-salvagwardja tal-progress miksub s'issa fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet tirrikjedi, aktar minn qatt qabel, finanzjament tal-Unjoni li jallinja mal-valuri tal-Unjoni, inkluż appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kemm fl-Unjoni kif ukoll fl-azzjonijiet esterni tagħha permezz ta' Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (GAP) iddedikat għall-perjodu ta' wara l-2027.
	Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 23d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23d) L-Istati Membri għandhom isaħħu l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz ta' esperti diġà stabbiliti, bħall-Kunsilli dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Komunitajiet ta' Prattika, u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE).
	Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward ta': l-emendar tal-lista tal-oqsma ta' intervent u l-indikaturi tal-	(25) Jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward ta': l-emendar tal-lista tal-oqsma ta' intervent u l-indikaturi tal-

prestazzjoni stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament; l-emendar tal-kodiċijiet għad-dimensjoni territorjali fl-Anness II; l-emendar tal-miri speċifiċi tal-infiq fuq il-klima u l-ambjent fl-Anness III; ***l-emendar tal-lista ta' programmi rilevanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;*** l-emendar tal-Anness V ta' dan ir-Regolament dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà; u l-emendar tad-dispożizzjoni dwar il-Gateway Unika kif ikun meħtieġ. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[11]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	prestazzjoni stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament; l-emendar tal-kodiċijiet għad-dimensjoni territorjali fl-Anness II; l-emendar tal-miri speċifiċi tal-infiq fuq il-klima u l-ambjent fl-Anness III; l-emendar tal-Anness V ta' dan ir-Regolament dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà; u l-emendar tad-dispożizzjoni dwar il-gateway unika kif ikun meħtieġ. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[11]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
[11] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.	[11] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli għall-iżgurar ta' applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, meta jkun	2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli għall-iżgurar ta' applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, meta jkun

fattibbli u xieraq, f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija, tal-effiċjenza u tal-effettività kif stabbiliti fl-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament, kif ukoll prinċipji orizzontali oħra rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg u ***l-klima*** u ***l-bijodiversità***. Jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet orizzontali applikabbli għall-programmi u għall-attivitajiet kollha tal-Unjoni, bħal regoli għall-istabbiliment ta' Gateway Unika msemmija fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, u regoli dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.	fattibbli u xieraq, f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija, tal-effiċjenza u tal-effettività kif stabbiliti fl-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament, kif ukoll prinċipji orizzontali oħra rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg***, il-klima*** u ***l-bijodiversità*** u ***l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***. Jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet orizzontali applikabbli għall-programmi u għall-attivitajiet kollha tal-Unjoni, bħal regoli għall-istabbiliment ta' gateway unika msemmija fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, u regoli dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.
	Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jarmonizza l-applikazzjoni ta' prinċipji orizzontali fil-programmi u fl-attivitajiet kollha***, meta jkun fattibbli u xieraq***;	(d) jarmonizza l-applikazzjoni ta' prinċipji orizzontali fil-programmi u fl-attivitajiet kollha;
	Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-programmi u l-attivitajiet ***li*** għandhom ***l-għan li*** jappoġġaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'konformità mal-Artikolu ***33(2), il-punt (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 huma speċifikati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament***.	Il-programmi u l-attivitajiet ***kollha*** għandhom jappoġġaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'konformità mal-Artikolu ***8 tat-TFUE***.
	Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-programmi u l-attivitajiet għandhom jiġu implimentati bil-għan li tintlaħaq mira ġenerali ta' nfiq ta' mill-inqas 20 % tal-ammont totali tal-baġit dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ("mira ta' nfiq għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri") tul il-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 kollu, ikkalkolat bl-użu tal-koeffiċjenti għall-miżuri tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-qafas imsemmi fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-programmi u l-attivitajiet kollha għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex jiżguraw***, sa fejn ikun possibbli,*** bilanċ bejn il-ġeneri fil-panels ta' evalwazzjoni u korpi konsultattivi rilevanti oħra bħall-bordijiet, il-gruppi ta' esperti u l-kumitati ta' monitoraġġ.	Il-programmi u l-attivitajiet kollha għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri fil-panels ta' evalwazzjoni u korpi konsultattivi rilevanti oħra bħall-bordijiet, il-gruppi ta' esperti u l-kumitati ta' monitoraġġ.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini tal-metodoloġija għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punt (f) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-attivitajiet tal-baġit għandhom jaqgħu	Għall-fini tal-metodoloġija għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punt (f)***,*** tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509***, il-programmi u l-attivitajiet kollha***

f'waħda mill-kategoriji li ġejjin u l-punteġġi korrispondenti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri:	***għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru jiġu promossi matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni tal-operazzjonijiet. Għall-fini tal-ittrekkjar tan-nefqa***, l-attivitajiet tal-baġit għandhom jaqgħu f'waħda mill-kategoriji li ġejjin u l-punteġġi korrispondenti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri:

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-attivitajiet bl-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali ("punteġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2");	(a) l-attivitajiet bl-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali ***espliċitu*** ("punteġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2");

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-attivitajiet bl-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv importanti u intenzjonat iżda mhux bħala l-objettiv ewlieni tagħhom ("punteġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri 1");	(b) l-attivitajiet bl-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv ***espliċitu,*** importanti u intenzjonat iżda mhux bħala l-objettiv ewlieni tagħhom ("punteġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri 1");

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-attivitajiet antiċipati li ma għandhom l-ebda kontribut sostanzjali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri (“punteġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri 0”).	(c) l-attivitajiet antiċipati li ma għandhom l-ebda kontribut sostanzjali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri (“punteġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri 0”). ***Dawk l-attivitajiet għandhom ikunu akkumpanjati minn approċċ ta’ “la tagħmilx ħsara lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri” biex jiġi żgurat li ma jsaħħux l-inugwaljanza bejn il-ġeneri.***

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) interventi b’rilevanza potenzjali iżda mhux ippruvata għall-ġeneru (punteġġ tal-ġeneru 0*).

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-attivitajiet li l-punteġġ tagħhom b’rabta mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa ta’ 2, għandhom jikkontribwixxu 100 % għall-mira tal-infiq fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-attivitajiet li l-punteġġ tagħhom b’rabta mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa ta’ 1, għandhom jikkontribwixxu 100 % għall-mira tal-infiq fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-attivitajiet li l-punteġġ tagħhom b’rabta mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa ta’ 0, jekk jeżistu, għandhom jikkontribwixxu 0 % għall-mira tal-infiq fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida teknika dwar il-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 2 biex tiddetermina l-kategoriji u l-punteġġi korrispondenti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza fil-programmi kollha.	3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida teknika ***sa … [tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** dwar il-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 2 biex tiddetermina l-kategoriji u l-punteġġi korrispondenti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ***u biex tiddefinixxi kriterji minimi, inklużi analiżi tal-ġeneru, valutazzjoni għal kull punteġġ skont il-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri", u qafas sod tar-riżultati tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri biex jitkejjel il-progress lejn l-objettivi u r-riżultati tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza fil-programmi kollha***, abbażi tal-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa żviluppat ulterjorment fi ħdan l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030***.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Barra minn hekk, applikazzjoni simplifikata tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" applikat lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif imsemmi fl-Artikolu 33(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għandha tiġi ffaċilitata minn gwida unika u sempliċi ("gwida la tagħmilx ħsara sinifikanti").

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness IV.	***imħassar***

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-attivitajiet li jaqgħu fil-kategorija ta' "punteġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2", imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandhom jiġu implimentati bil-ħsieb li tintlaħaq mira ta' nfiq ġenerali ta' mill-inqas 5 % tal-ammont totali tal-baġit fuq attivitajiet li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali espliċitu ("mira ta' nfiq tal-punteġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2") matul il-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 kollu. L-infiq taħt l-Istrument Ewropa Globali għandu jiġi eskluż mill-bażi għall-kalkolu tal-mira ta' nfiq tal-punteġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) lista unika ta' oqsma ta' intervent;	(a) lista unika ta' oqsma ta' intervent**,**

inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit għandhom jiġu assenjati qasam ta' intervent li jirrappreżenta kemm jista' jkun is-sustanza tal-attività ffinanzjata. L-eliġibbiltà ta' attività taħt il-baġit għandha tkun ibbażata biss fuq ir-regoli speċifiċi għas-settur u ma għandhiex tkun ristretta mid-definizzjoni ta' oqsma ta' intervent, li huma stabbiliti biss għall-finijiet ***ta' traċċar*** tan-nefqa u monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-baġit.	2. L-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit għandhom jiġu assenjati qasam ta' intervent li jirrappreżenta kemm jista' jkun is-sustanza tal-attività ffinanzjata***, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***. L-eliġibbiltà ta' attività taħt il-baġit għandha tkun ibbażata biss fuq ir-regoli speċifiċi għas-settur u ma għandhiex tkun ristretta mid-definizzjoni ta' oqsma ta' intervent, li huma stabbiliti biss għall-finijiet ***tal-ittrekkjar*** tan-nefqa u monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-baġit.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-programmi u tal-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit, fil-metodi kollha ta' implimentazzjoni tal-baġit, biex tivvaluta l-progress li jkun sar lejn l-ilħuq tal-objettivi tagħhom f'konformità mal-indikaturi tal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c). Id-data għandha tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni. Id-data għandha tinġabar ***b'mod regolari*** u ***tinħażen b'mod elettroniku***.	1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-programmi u tal-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit, fil-metodi kollha ta' implimentazzjoni tal-baġit, biex tivvaluta l-progress li jkun sar lejn l-ilħuq tal-objettivi tagħhom f'konformità mal-indikaturi tal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c). Id-data għandha tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni. Id-data għandha tinġabar ***regolarment u tinħażen elettronikament*** u ***għandha tiġi***

diżaggregata skont is-sess sabiex ikun hemm statistika dwar il-ġeneru.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jafdaw l-evalwazzjonijiet lil esperti funzjonalment indipendenti.	5. L-Istati Membri għandhom jafdaw l-evalwazzjonijiet lil esperti funzjonalment indipendenti***, inklużi dawk speċifiċi għall-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri***.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm stabbiliti l-proċeduri meħtieġa biex tiġi prodotta u miġbura d-data meħtieġa għall-evalwazzjonijiet.	6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm stabbiliti l-proċeduri meħtieġa biex tiġi prodotta u miġbura d-data meħtieġa għall-evalwazzjonijiet***, inkluża l-istatistika diżaggregata skont is-sess u dwar il-ġeneru***.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru jew pajjiż terz għandu jipprovdi valutazzjoni skont il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għal kull attività fil-pjanijiet tiegħu f’konformità mal-gwida msemmija fl-Artikolu 5, ħlief fejn ikun eżentat mod	1. Kull Stat Membru jew pajjiż terz għandu jipprovdi valutazzjoni skont il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għal kull attività fil-pjanijiet tiegħu f’konformità mal-gwida msemmija fl-Artikolu 5, ħlief fejn ikun eżentat mod

ieħor mill-istess gwida.	ieħor mill-istess gwida. ***Din il-valutazzjoni tista' tinkludi prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Abbażi ta' standards internazzjonali, dan ifisser l-inklużjoni ta' kriterji minimi marbuta ma' kull punteġġ, bħall-analiżi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew l-objettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri biex jintlaħaq approċċ aktar effettiv biex jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.***

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sal-1 ta' Jannar 2027, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida teknika dwar kif għandha titwettaq il-valutazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija f'dan il-paragrafu, bl-għan li tiġi żgurata l-konsistenza fil-programmi kollha u li tissaħħaħ il-metodoloġija ta' ttrekkjar.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tiġi inkluża fost il-kriterji użati għall-evalwazzjoni tal-proposti***, *meta jkun fattibbli u xieraq***.	Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tiġi inkluża fost il-kriterji użati għall-evalwazzjoni tal-proposti.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 għandha tiġi pprovduta fil-mument tas-sottomissjoni tal-pjanijiet. Jekk ma jkunx possibbli li tiġi pprovduta valutazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'dak il-mument, l-attività għandha titqies li ma għandha l-ebda kontribut sostanzjali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għalhekk tiġi assenjata punteġġ ta' 0. L-Istat Membru jew il-pajjiż terz ikkonċernat jista' jirrevedi dak il-punteġġ kull meta jissottometti emenda tal-pjanijiet tiegħu.	4. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 għandha tiġi pprovduta fil-mument tas-sottomissjoni tal-pjanijiet. Jekk ma jkunx possibbli li tiġi pprovduta valutazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'dak il-mument, l-attività għandha titqies li ma għandha l-ebda kontribut sostanzjali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għalhekk tiġi assenjata punteġġ ta' 0. L-Istat Membru jew il-pajjiż terz ikkonċernat jista' jirrevedi dak il-punteġġ kull meta jissottometti emenda tal-pjanijiet tiegħu***, filwaqt li dejjem jiżgura l-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri***.

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) indikatur tal-output wieħed li jiddefinixxi l-objettiv intermedju jew il-mira finali għal dik il-miżura u magħżul mill-Anness I li jikkorrispondi jew għall-qasam ta' intervent assenjat jew, meta jkun xieraq, għal qasam ta' intervent differenti***, jew f'każijiet debitament ġustifikati u bi qbil mal-Kummissjoni indikatur tal-output mhux inkluż fl-Anness I***;	(a) indikatur tal-output wieħed li jiddefinixxi l-objettiv intermedju jew il-mira finali għal dik il-miżura u magħżul mill-Anness I li jikkorrispondi jew għall-qasam ta' intervent assenjat jew, meta jkun xieraq, għal qasam ta' intervent differenti;

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Istat Membru jkun ippropona indikatur tal-output mhux inkluż fl-	***imħassar***

Anness I biex jiddefinixxi objettiv intermedju jew mira finali għal dik il-miżura, u meta l-Anness I ma jipprovdi l-ebda indikatur tar-riżultati li jikkorrispondi għall-qasam ta' intervent tal-miżura, l-Istat Membru għandu jassenja indikatur tar-riżultati wieħed mill-indikaturi tar-riżultati li jikkorrispondu għal oqsma ta' intervent oħra stabbiliti fl-Anness I, jew inkella jassenja b'mod eċċezzjonali indikatur tar-riżultati mhux inkluż fl-Anness I bi ftehim mal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi koeffiċjenti tal-Unjoni għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri biex tikkwantifika n-nefqa baġitarja tal-Unjoni li tikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri (punteġġi 2 u 1 skont il-metodoloġija msemmija f'dan ir-Regolament). Skont dik is-sistema, għandhom jiġu assenjati punteġġ ta' 2 u koeffiċjent ta' 100 % għal attivitajiet li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala l-objettiv ewlieni tagħhom u li mistennija jagħtu kontribut sinifikanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri bi qbil mal-għanijiet tal-Unjoni. Għandhom jiġu assenjati punteġġ ta' 1 u koeffiċjent ta' 40 % għal attivitajiet li mistennija jkollhom xi impatt pożittiv fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri mingħajr ma dan ikun l-objettiv primarju tagħhom. Għandhom jiġu assenjati punteġġ ta' 0 u koeffiċjent ta' 0 % għal attivitajiet li mistennija jkollhom impatt newtrali fuq l-objettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta timplimenta l-baġit f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 33(2), il-punti (d), (e) u (f) ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tiġi inkluża fost il-kriterji użati għall-evalwazzjoni tal-proposti***, meta jkun fattibbli u xieraq***.	1. Meta timplimenta l-baġit f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 33(2), il-punti (d), (e) u (f) ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tiġi inkluża fost il-kriterji użati għall-evalwazzjoni tal-proposti.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-rekwiżiti ta' rapportar imposti fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni għandhom ikunu proporzjonati u għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu.	3. Ir-rekwiżiti ta' rapportar imposti fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni għandhom ikunu proporzjonati u għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati***, u l-istatistika diżaggregata skont is-sess u dwar il-ġeneru,*** tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-obbligu ma japplikax għall-benefiċjarji ta' interventi bbażati fuq l-erja u l-annimali skont il-politika agrikola	***imħassar***

komuni.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ***Il-Kunsilli dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, l-EIGE jew il-Komunitajiet ta' Prattika għandhom jipprovdu pariri komplementari dwar kif jiġi applikat il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-prattika.***

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 65a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Negozju	***Żvilupp tan-negozju***	***65a***	***Promozzjoni tan-nisa fl-intraprenditorija****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' intrapriżi promossi min-nisa u appoġġati – mikro, żgħar u medji, kbar;*** • ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati dwar in-nisa fl-intraprenditorija;*** • ***Għadd ta' nisa appoġġati;***	• ***Għadd u sehem ta' nisa fl-intraprenditorija;***

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 65b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Żvilupp	***Żvilupp tan-negozju***	***65b***	***Promozzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri fil-maniġment u fit-tehid tad-deċiżjonijiet fil-livelli maniġerjali kollha u fis-setturi privati kollha****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' intrapriżi appoġġati biex jippromwovu l-bilanċ bejn il-ġeneri fil-maniġment – mikro, żgħar u medji, kbar;*** • ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-maniġment;***	• ***Sehem ta' nisa u rġiel fil-maniġment skont il-livelli tal-maniġment fl-intrapriżi appoġġati;***

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 65c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Żvilupp	***Żvilupp tan-negozju***	***65c***	***Eliminazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u tal-fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol fin-negozju****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' intrapriżi appoġġati biex itejbu l-mekkaniżmi u l-proċessi għall-eliminazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u tal-fastidju sesswali fin-negozju – mikro, żgħar u medji, kbar;*** • ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u tal-fastidju sesswali fin-negozju;***	• ***Sehem ta' intrapriżi li għandhom mekkaniżmi adegwati u strutturi ta' appoġġ fis-seħħ għar-rapportar u l-indirizzar tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u tal-fastidju sesswali – mikro, żgħar u medji, kbar;*** • ***Għadd u sehem ta' każijiet irrapportati ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u ta' fastidju sesswali f'intrapriżi appoġġati;***

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 65d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Żvilupp	***Żvilupp tan-negozju***	***65d***	***Promozzjoni tal-investiment tad-ditti fl-iżgurar tal-edukazzjoni u l-indukrar bikrija tat-tfal ta' kwalità għat-tfal kollha tal-impjegati qrib il-post tax-xogħol****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' intrapriżi appoġġati biex jistabbilixxu u jtejbu l-edukazzjoni u l-indukrar bikrija tat-tfal ta' kwalità għat-tfal kollha tal-impjegati – mikro, żgħar u medji, kbar;*** • ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati biex jippromwovu investimenti fl-edukazzjoni u l-indukrar bikrija tat-tfal ta' kwalità għat-tfal kollha tal-impjegati;***	• ***Għadd ta' postijiet fl-edukazzjoni u l-indukrar bikrija tat-tfal ta' kwalità maħluqa fuq il-post tax-xogħol;*** • ***Sehem ta' tfal tal-impjegati fl-edukazzjoni u l-indukrar bikrija tat-tfal fuq il-post tax-xogħol;***

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 90a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Kultura, turiżmu u media	***Media***	***90a***	***Prevenzjoni u ġlieda kontra s-sessiżmu fil-media u r-reklamar****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra s-sessiżmu fil-media u r-reklamar;***	• ***Għadd u sehem ta' persuni milhuqa minn azzjonijiet għall-prevenzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-ġlieda kontra s-sessiżmu fil-media u r-reklamar – skont il-ġeneru;*** • ***Sehem ta' każijiet irrapportati ta' sessiżmu fil-media u r-reklamar;***

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 92a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Kultura, turiżmu u media	***Ġeneru***	***92a***	***Promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kultura, it-turiżmu u l-media****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kultura, it-turiżmu u l-media;***	• ***Għadd u sehem ta' persuni milhuqa minn azzjonijiet għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kultura, it-turiżmu u l-media – skont il-ġeneru;***

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 92b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Kultura, turiżmu u media	***Ġeneru***	***92b***	***Promozzjoni ta' rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà u teħid ta' deċiżjonijiet u l-parteċipazzjoni shiha, ugwali u sinifikanti tan-nisa fil-kultura, it-turiżmu u l-media****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati għall-promozzjoni ta' rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà u teħid ta' deċiżjonijiet;*** • ***Għadd ta' nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali, fil-bordijiet u f'pożizzjonijiet ta' tmexxija;*** • ***Għadd ta' nisa f'organizzazzjonijiet, unions u assoċjazzjonijiet professjonali relatati mal-kultura, it-turiżmu u l-media;***	• ***Għadd u sehem ta' persuni milhuqa minn azzjonijiet għall-promozzjoni ta' rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà u teħid ta' deċiżjonijiet – skont il-ġeneru;*** • ***Proporzjon ta' nisa mqabbla mal-irġiel f'pożizzjonijiet maniġerjali, fil-bordijiet u f'pożizzjonijiet ta' tmexxija;*** • ***Proporzjon ta' nisa mqabbla mal-irġiel f'organizzazzjonijiet, unions u assoċjazzjonijiet professjonali relatati mal-kultura, it-turiżmu u l-media;***

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 108a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Teknoloġiji u infrastrutturi diġitali	***Riformi***	***108a***	***Politika u qafas regolatorju diġitali biex l-ambjent diġitali, inklużi l-pjattaformi online, isir post sikur għan-nisa u l-bniet****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati biex l-ambjent diġitali jsir post sikur għan-nisa u l-bniet;*** • ***Għadd ta' għodod diġitali li jqisu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-preġudizzju u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru;***	• ***Għadd u sehem ta' persuni milħuqa minn azzjonijiet biex l-ambjent diġitali jsir post sikur għan-nisa u l-bniet – skont il-ġeneru;*** • ***Għadd u sehem ta' persuni milħuqa minn għodod diġitali li jqisu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-preġudizzju u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru;***

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 108b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Teknoloġiji u infrastrutturi diġitali	***Ġeneru***	***108b***	***Promozzjoni tan-nisa fl-iSTEM, fis-settur diġitali u fis-suq tax-xogħol****	***0%***	***0%***	***0%***	***100%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati għall-promozzjoni tan-nisa fl-iSTEM, fis-settur diġitali u fis-suq tax-xogħol;***	• ***Għadd u sehem ta' persuni milħuqa minn azzjonijiet għall-promozzjoni tan-nisa fl-iSTEM, fis-settur diġitali u fis-suq tax-xogħol – skont il-ġeneru;***

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 111

Test propost mill-Kummissjoni

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Edukazzjoni u ħiliet	Edukazzjoni	111	Edukazzjoni u indukrar bikrija tat-tfal (minbarra l-infrastruttura)*	0%	0%	0%	100%	• Għadd ta’ għalliema mħarrġa – skont il-ġeneru u l-età; • Għadd ta’ kurrikuli żviluppati, ta’ programmi ta’ studju jew ta’ korsijiet implimentati; • Għadd ta’ tagħmir għat-tagħlim jew għall-apprendiment u mezzi diġitali pprovduti; • Għadd ta’ organizzazzjonijiet involuti fi proġetti ta’ kooperazzjoni; • Għadd ta’ postijiet ġodda għall-indukrar tat-tfal maħluqa jew miżmuma;	• Għadd ta’ tfal li jibbenefikaw mill-kurrikuli żviluppati u mill-programm implimentat; • Għadd ta’ tfal li jibbenefikaw minn għalliema mħarrġa; • Għadd ta’ tfal li jibbenefikaw minn tagħmir mixtri;

Emenda

Qasam ta’ politika (livell 1)	Qasam ta’ politika (livell 2)	#	Qasam ta’ intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Edukazzjoni u ħiliet	Edukazzjoni	111	Edukazzjoni u indukrar bikrija tat-tfal ***affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità għat-tfal kollha*** (minbarra l-infrastruttura)*	0%	0%	0%	100%	• Għadd ta' għalliema mħarrġa – skont il-ġeneru u l-età; • Għadd ta' kurrikuli żviluppati, ta' programmi ta' studju jew ta' korsijiet implimentati; • Għadd ta' tagħmir għat-tagħlim jew għall-apprendiment u mezzi diġitali pprovduti; • Għadd ta' organizzazzjonijiet involuti fi proġetti ta' kooperazzjoni; • Għadd ta' postijiet ġodda għall-indukrar tat-tfal maħluqa jew miżmuma;	• Għadd ta' tfal li jibbenefikaw mill-kurrikuli żviluppati u mill-programm implimentat; • Għadd ta' tfal li jibbenefikaw minn għalliema mħarrġa; • Għadd ta' tfal li jibbenefikaw minn tagħmir mixtri;

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 115a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Edukazzjoni u ħiliet	***Edukazzjoni***	***115a***	***Promozzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri fi professjonijiet tradizzjonalment "maskili" u "femminili" fis-settur tal-indukrar****	***0%***	***0%***	***0%***	***100%***	• ***Għadd ta' parteċipanti – skont il-ġeneru, skont is-setturi tal-ħiliet (inkluż l-iSTEM);*** • ***Għadd ta' apprendistati jew ta' apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol appoġġati;*** • ***Għadd ta' għalliema mħarrġa – skont il-ġeneru u l-età;*** • ***Għadd ta' kurrikuli żviluppati, ta' programmi ta' studju jew ta' korsijiet implimentati;*** • ***Għadd ta' tagħmir għat-tagħlim jew għall-apprendiment u mezzi diġitali pprovduti;***	• ***Għadd ta' studenti li jibbenefikaw mill-kurrikuli żviluppati u mill-programmi implimentati;*** • ***Għadd ta' studenti li jibbenefikaw minn għalliema mħarrġa;*** • ***Għadd ta' studenti li jibbenefikaw mit-tagħmir mixtri;***

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 123a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Edukazzjoni u hiliet	***Riformi***	***123a***	***Riformi tal-kura fit-tul affordabbli u aċċessibbli u ta' kwalità għolja****	***0%***	***0%***	***0%***	***100%***	• ***Għadd ta' liġijiet adottati jew li daħlu fis-seħħ;*** • ***Għadd ta' preparazzjonijiet ta' politika jew evalwazzjonijiet iffinalizzati;*** • ***Għadd ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ffinalizzati;*** • ***Għadd ta' regolamenti ta' implimentazzjoni jew linji gwida fis-seħħ;*** • ***Għadd ta' adozzjonijiet ta' strateġiji jew oqfsa ffinalizzati;*** • ***Għadd ta' servizzi jew proċessi pubbliċi żviluppati;*** • ***Għadd ta' avvenimenti TAIEX organizzati b'appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' pajjiżi mhux tal-UE;*** • ***Għadd ta' proġetti ta' ĠEMELLAĠĠ organizzati b'appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' pajjiżi mhux tal-UE;*** • ***Għadd ta' politiki pubbliċi rilevanti żviluppati/riveduti u/jew li qegħdin jiġu implimentati f'pajjiżi terzi;***	

Emenda 62

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 124

Test propost mill-Kummissjoni

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Edukazzjoni u ħiliet	Riformi	124	Riformi fil-qasam tal-edukazzjoni, taż-żgħażagħ u tal-isport	0%	0%	0%	100%	• Għadd ta’ liġijiet adottati jew li daħlu fis-seħħ; • Għadd ta’ preparazzjonijiet ta’ politika jew evalwazzjonijiet iffinalizzati; • Għadd ta’ konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ffinalizzati; • Għadd ta’ regolamenti ta’ implimentazzjoni jew linji gwida fis-seħħ; • Għadd ta’ adozzjonijiet ta’ strateġiji jew oqfsa ffinalizzati; • Għadd ta’ servizzi jew proċessi pubbliċi żviluppati; • Għadd ta’ avvenimenti TAIEX organizzati b’appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta’ pajjiżi mhux tal-UE; • Għadd ta’ proġetti ta’ ĠEMELLAĠĠ organizzati b’appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta’ pajjiżi mhux tal-UE; • Għadd ta’ politiki pubbliċi rilevanti żviluppati/riveduti u/jew li qegħdin jiġu implimentati f’pajjiżi terzi;	

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Edukazzjoni u ħiliet	Riformi	124	Riformi fil-qasam tal-edukazzjoni, taż-żgħażagħ u tal-isport*	0%	0%	0%	100%	• Għadd ta' liġijiet adottati jew li daħlu fis-seħħ; • Għadd ta' preparazzjonijiet ta' politika jew evalwazzjonijiet iffinalizzati; • Għadd ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ffinalizzati; • Għadd ta' regolamenti ta' implimentazzjoni jew linji gwida fis-seħħ; • Għadd ta' adozzjonijiet ta' strateġiji jew oqfsa ffinalizzati; • Għadd ta' servizzi jew proċessi pubbliċi żviluppati; • Għadd ta' avvenimenti TAIEX organizzati b'appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' pajjiżi mhux tal-UE; • Għadd ta' proġetti ta' ĠEMELLAĠĠ organizzati b'appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' pajjiżi mhux tal-UE; • Għadd ta' politiki pubbliċi rilevanti żviluppati/riveduti u/jew li qegħdin jiġu implimentati f'pajjiżi terzi;	• ***Għadd ta' riformi u miżuri li jippromwovu perspettiva ta' bilanċ bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni;*** • ***Għadd ta' kurrikuli ġodda, materjali tat-tagħlim, kotba tal-iskola, taħriġ u gwida għall-għalliema, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni;*** • ***Għadd / Perċentwal ta' studenti ġodda fi professjonijiet tradizzjonalment "maskili" u "femminili" fit-taħriġ u l-edukazzjoni vokazzjonali (bilanċ bejn il-ġeneri);***

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 124a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Edukazzjoni u ħiliet	***Riformi***	***124a***	***Promozzjoni ta' perspettiva ta' bilanċ bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni bħal kurrikuli, materjali tat-tagħlim, kotba tal-iskola, taħriġ u gwida għall-għalliema, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni****	***0%***	***0%***	***0%***	***100%***	• ***Għadd ta' liġijiet adottati jew li daħlu fis-seħħ;*** • ***Għadd ta' preparazzjonijiet ta' politika jew evalwazzjonijiet iffinalizzati;*** • ***Għadd ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ffinalizzati;*** • ***Għadd ta' regolamenti ta' implimentazzjoni jew linji gwida fis-seħħ;*** • ***Għadd ta' adozzjonijiet ta' strateġiji jew oqfsa ffinalizzati;***	• ***Għadd ta' riformi u miżuri li jippromwovu perspettiva ta' bilanċ bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni;*** • ***Għadd ta' kurrikuli ġodda, materjali tat-tagħlim, kotba tal-iskola, taħriġ u gwida għall-għalliema, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni;***

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 146

Test propost mill-Kummissjoni

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Amministrazzjoni pubblika effettiva	Riformi	146	Politika tal-amministrazzjoni pubblika u l-qafas regolatorju	0%	0%	0%	***0%***	• Għadd ta’ liġijiet adottati jew li daħlu fis-seħħ; • Għadd ta’ preparazzjonijiet ta’ politika jew evalwazzjonijiet iffinalizzati; • Għadd ta’ konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ffinalizzati; • Għadd ta’ regolamenti ta’ implimentazzjoni jew linji gwida fis-seħħ; • Għadd ta’ adozzjonijiet ta’ strateġiji jew oqfsa ffinalizzati; • Għadd ta’ servizzi jew proċessi pubbliċi żviluppati; • Għadd ta’ avvenimenti TAIEX organizzati b’appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta’ pajjiżi mhux tal-UE; • Għadd ta’ proġetti ta’ ĠEMELLAĠĠ organizzati b’appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta’ pajjiżi mhux tal-UE; • Għadd ta’ politiki pubbliċi rilevanti żviluppati/riveduti u/jew li qegħdin jiġu implimentati f’pajjiżi terzi;	

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Amministrazzjoni pubblika effettiva	Riformi	146	Politika tal-amministrazzjoni pubblika u l-qafas regolatorju*	0%	0%	0%	***40%***	• Għadd ta' liġijiet adottati jew li daħlu fis-seħħ; • Għadd ta' preparazzjonijiet ta' politika jew evalwazzjonijiet iffinalizzati; • Għadd ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ffinalizzati; • Għadd ta' regolamenti ta' implimentazzjoni jew linji gwida fis-seħħ; • Għadd ta' adozzjonijiet ta' strateġiji jew oqfsa ffinalizzati; • Għadd ta' servizzi jew proċessi pubbliċi żviluppati; • Għadd ta' avvenimenti TAIEX organizzati b'appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' pajjiżi mhux tal-UE; • Għadd ta' proġetti ta' ĠEMELLAĠĠ organizzati b'appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' pajjiżi mhux tal-UE; • Għadd ta' politiki pubbliċi rilevanti żviluppati/riveduti u/jew li qegħdin jiġu implimentati f'pajjiżi terzi;	• ***Għadd ta' riformi jew proċessi mibdija biex isaħħu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-amministrazzjoni pubblika fil-livelli kollha;*** • ***Għadd ta' riformi jew proċessi mibdija biex isaħħu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-oqsma kollha ta' politika fil-baġits;*** • ***Għadd ta' talbiet ta' appoġġ għal infrastruttura istituzzjonali speċjalizzata għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u korpi indipendenti tal-ugwaljanza;*** • ***Perċentwal ta' preżenza ta' nisa/irġiel (promozzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri) fil-maniġment u fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli maniġerjali kollha u fis-setturi privati kollha;***

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 252a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Enerġija	***Ġeneru***	***252a***	***Ġlieda kontra l-faqar enerġetiku fost in-nisa****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku fost in-nisa;***	• ***Għadd u sehem ta' persuni milħuqa minn azzjonijiet biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku fost in-nisa – skont il-ġeneru;***

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 319a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Assistenza makroekonomika u kummerċ	***Appoġġ makroekonomiku***	***319a***	***Promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u t-tishih tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa****	***0%***	***0%***	***0%***	***100%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati għall-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u t-tishih tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa f'dan il-qasam;*** • ***Għadd ta' shubijiet jew inizjattivi internazzjonali stabbiliti li jiffukaw fuq id-drittijiet tan-nisa u t-tishih tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa;*** • ***Għadd ta' intrapriżi jew organizzazzjonijiet immexxija min-nisa appoġġati permezz ta' programmi ta' kummerċ, żvilupp jew investiment;***	• ***Sehem tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-kummerċ internazzjonali u fil-ktajjen tal-valur;*** • ***Għadd ta' nisa li jaċċessaw riżorsi ekonomiċi (eż. finanzi, swieq, art, teknoloġija) permezz ta' politiki u programmi appoġġati;*** • ***Drittijiet ekonomiċi tan-nisa riflessi fl-oqfsa ta' politika nazzjonali jew internazzjonali;*** • ***Sehem tal-politiki dwar l-assistenza makroekonomika u l-kummerċ inkluża enfasi fuq il-ġeneru;***

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 361

Test propost mill-Kummissjoni

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Riċerka u innovazzjoni	Ġeneru	361	Finanzjament għar-riċerka ***bejn*** il-ġeneri u intersezzjonali*	0%	0%	0%	40%	• Għadd ta' riżultati tar-riċerka rieżaminati bejn il-pari (pubblikazzjonijiet, proċedimenti ta' konferenza, eċċ.); • Għadd ta' riċerkaturi appoġġati – skont il-ġeneru, l-istadju tal-karriera u l-pajjiż ta' oriġini; • Sehem ta' riżultati tar-riċerka (it-tipi kollha) disponibbli f'aċċess miftuħ; • Għadd ta' intrapriżi appoġġati skont it-tip (SMEs, start-ups, scale-ups); • Għadd ta' applikazzjonijiet tad-DPI (inklużi privattivi, trademarks, eċċ.); • Għadd ta' impjegati f'entitajiet legali appoġġati mill-finanzjament tal-UE; • Koinvestiment pubbliku u privat fi proġetti ffinanzjati mill-UE (EUR); • Sehem ta' proġetti b'attivitajiet ta' involviment tal-utenti finali u taċ-ċittadini; • Għadd ta' proġetti u l-kontribuzzjoni tal-UE għal proġetti li jintegraw id-	• Kwotazzjonijiet tal-outputs tar-riċerka rieżaminati bejn il-pari; • Sehem tar-riċerkaturi b'impatt individwali akbar fil-qasam tagħhom, skont il-ġeneru; • Kwotazzjonijiet tal-outputs tar-riċerka (kwalunkwe tip) disponibbli f'aċċess miftuħ; • Għadd ta' DPI mogħtija; • Għadd ta' kwotazzjonijiet tal-privattivi; • Għadd ta' familji tal-privattivi (innovazzjonijiet); • Investimenti pubbliċi u privati mmobilizzati wara l-parteċipazzjoni, inklużi investimenti f'SMEs u fi start-ups (EUR);

								dimensjoni tal-ġeneru (EUR);	

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Riċerka u innovazzjoni	Ġeneru	361	Finanzjament għar-riċerka ***dwar l-ugwaljanza*** bejn il-ġeneri***, it-tnaqqis tad-distakk bejn il-ġeneri,*** u intersezzjonali*	0%	0%	0%	40%	• Għadd ta' riżultati tar-riċerka rieżaminati bejn il-pari (pubblikazzjonijiet, proċedimenti ta' konferenza, eċċ.); • Għadd ta' riċerkaturi appoġġati – skont il-ġeneru, l-istadju tal-karriera u l-pajjiż ta' oriġini; • Sehem ta' riżultati tar-riċerka (it-tipi kollha) disponibbli f'aċċess miftuħ; • Għadd ta' intrapriżi appoġġati skont it-tip (SMEs, start-ups, scale-ups); • Għadd ta' applikazzjonijiet tad-DPI (inklużi privattivi, trademarks, eċċ.); • Għadd ta' impjegati f'entitajiet legali appoġġati mill-finanzjament tal-UE; • Koinvestiment pubbliku u privat fi proġetti ffinanzjati mill-UE (EUR); • Sehem ta' proġetti b'attivitajiet ta' involviment tal-utenti finali u taċ-ċittadini; • Għadd ta' proġetti u l-kontribuzzjoni tal-UE għal proġetti li jintegraw id-	• Kwotazzjonijiet tal-outputs tar-riċerka rieżaminati bejn il-pari; • Sehem tar-riċerkaturi b'impatt individwali akbar fil-qasam tagħhom, skont il-ġeneru; • Kwotazzjonijiet tal-outputs tar-riċerka (kwalunkwe tip) disponibbli f'aċċess miftuħ; • Għadd ta' DPI mogħtija; • Għadd ta' kwotazzjonijiet tal-privattivi; • Għadd ta' familji tal-privattivi (innovazzjonijiet); • Investimenti pubbliċi u privati mmobilizzati wara l-parteċipazzjoni, inklużi investimenti f'SMEs u fi start-ups (EUR);

								dimensjoni tal-ġeneru (EUR); • ***Għadd ta' azzjonijiet u proġetti ta' riċerka ffinanzjati dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tnaqqis tad-distakk bejn il-ġeneri;*** • ***Sehem tal-finanzjament tar-riċerka għal azzjonijiet u proġetti dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;***	

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 361a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Riċerka u innovazzjoni	***Ġeneru***	***361a***	***Finanzjament għar-riċerka dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' outputs tar-riċerka rieżaminati bejn il-pari (pubblikazzjonijiet, proċedimenti ta' konferenza, eċċ.);*** • ***Għadd ta' riċerkaturi appoġġati – skont il-ġeneru, l-istadju tal-karriera u l-pajjiż ta' oriġini;*** • ***Sehem ta' outputs tar-riċerka (it-tipi kollha) disponibbli f'aċċess miftuħ;*** • ***Għadd ta' azzjonijiet u proġetti ta' riċerka ffinanzjati dwar metodoloġiji ta' implimentazzjoni għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru fir-riċerka u l-innovazzjoni;***	

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 388a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Paċi, kunflitt u għajnuna umanitarja	***Kunflitt, paċi u sigurtà***	***388a***	***Promozzjoni tal-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà u teħid ta' deċiżjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni ta' kunflitti u kriżijiet, is-sigurtà u l-konsolidazzjoni tal-paċi****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati biex jippromwovu l-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza tan-nisa fir-riżoluzzjoni ta' kunflitti u kriżijiet, is-sigurtà u l-konsolidazzjoni tal-paċi;*** • ***Għadd ta' negozjaturi, medjaturi u xhieda nisa firmatarji fin-negozjati formali għall-paċi u l-waqfien mill-ġlied;*** • ***Għadd ta' nisa fil-kumitati lokali għall-paċi, fil-fora tas-sigurtà tal-komunità, u fil-gvern lokali f'żoni milquta minn kunflitti;*** • ***Għadd ta' nisa f'pożizzjonijiet għolja fi ħdan organizzazzjonijiet tas-sigurtà reġjonali u internazzjonali;*** • ***Għadd ta' nisa mħarrġa, immentorjati, jew appoġġati biex jassumu rwoli ta' tmexxija u ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'dawn is-setturi;***	• ***Għadd ta' politiki, strateġiji, jew pjanijiet ta' azzjoni adottati biex jippromwovu l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fil-prevenzjoni tal-kunflitti, il-ġestjoni tal-kriżijiet, is-sigurtà, u l-konsolidazzjoni tal-paċi;*** • ***Sehem ta' nisa fi rwoli ta' tmexxija u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-proċessi tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tal-ġestjoni tal-kriżijiet, tas-sigurtà u tal-konsolidazzjoni tal-paċi;*** • ***Sehem tan-nisa fin-negozjati formali għall-paċi, fl-isforzi ta' medjazzjoni, u fl-istrutturi ta' governanza tas-sigurtà;*** • ***Perċezzjoni tal-inklużività u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet skont il-ġeneru u r-rwol;***

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 410a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Reżiljenza, industrija tad-difiża u spazju	***Ġeneru***	***410a***	***Promozzjoni tal-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà u teħid ta' deċiżjonijiet relatati mar-reżiljenza, id-difiża u l-ispazju****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati biex jippromwovu l-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza sħaħ, ugwali u sinifikanti tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà u teħid ta' deċiżjonijiet u rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri fir-reżiljenza, id-difiża u l-ispazju;*** • ***Għadd ta' nisa fir-rappreżentanza fl-ogħla livelli;*** • ***Għadd ta' nisa appoġġati permezz ta' programmi ta' żvilupp tat-tmexxija, mentoraġġ, jew bini tal-kapaċità;*** • ***Għadd ta' proċessi ta' reklutaġġ, promozzjoni jew għażla riveduti biex jinkludu miżuri ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri;*** • ***Għadd ta' nisa fi studji għolja ta' difiża u edukazzjoni militari professjonali, marbuta mal-ispazju;***	• ***Għadd ta' politiki, strateġiji, jew pjanijiet ta' azzjoni adottati biex jippromwovu rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri fit-tmexxija (fis-setturi tar-reżiljenza, tad-difiża u tal-ispazju);*** • ***Sehem tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' tmexxija fis-setturi tar-reżiljenza, tad-difiża u tal-ispazju;*** • ***Rappreżentanza fil-korpi ta' governanza, il-bordijiet konsultattivi, u r-rwoli tal-maniġment superjuri skont il-ġeneru;*** • ***Perċezzjoni fost il-persunal li l-proċessi ta' reklutaġġ u promozzjoni huma ġusti u inklużivi skont il-ġeneru;***

Emenda 71

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 410b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Reżiljenza, industrija tad-difiża u spazju	***Ġeneru***	***410b***	***Promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, prevenzjoni u ġlieda kontra s-sessiżmu u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-oqsma tad-difiża u tal-ispazju****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra s-sessiżmu, il-fastidju sesswali u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-oqsma tad-difiża u tal-ispazju;*** • ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma tad-difiża u tal-ispazju;*** • ***Għadd ta' intrapriżi fl-industrija tad-difiża u l-ispazju b'mekkaniżmi u proċessi fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, is-sessiżmu u l-fastidju sesswali – mikro, żgħar u medji, u kbar;*** • ***Għadd ta' intrapriżi fl-industrija tad-difiża u l-ispazju bi strateġiji, pjanijiet ta' azzjoni, jew kwoti implimentati għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri;***	• ***Sehem ta' politiki u proġetti tad-difiża u tal-ispazju inklużi l-komponenti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;*** • ***Impjiegi fl-oqsma tad-difiża u tal-ispazju – skont il-ġeneru;*** • ***Impjiegi f'pożizzjonijiet maniġerjali fl-oqsma tad-difiża u tal-ispazju – skont il-ġeneru, skont il-livell tal-maniġment;*** • ***Proporzjon ta' nisa promossi għal rwoli ta' livell għoli meta mqabbla mal-irġiel;*** • ***Rati taż-żamma u tal-progressjoni tal-karriera fis-setturi tad-difiża u tal-ispazju – skont il-ġeneru;*** • ***Valutazzjonijiet formali sistematiċi tal-ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa;*** • ***Sehem ta' persunal li jirrapporta li jħossu sikur u rispettat fuq il-post tax-xogħol – skont il-ġeneru, skont il-pożizzjoni;*** • ***Sehem ta' intrapriżi li għandhom mekkaniżmi adegwati u strutturi ta' appoġġ fis-seħħ għar-***

									rapportar u l-indirizzar tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u tal-fastidju sesswali – skont l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, u kbar; • ***Għadd u sehem ta' każijiet irrapportati ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u ta' fastidju sesswali f'intrapriżi appoġġati;***

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 419

Test propost mill-Kummissjoni

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Drittijiet, ugwaljanza u ġustizzja	Demokrazija u drittijiet	419	Tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u gruppi oħra f'riskju u miżuri li jappoġġaw lill-vittmi u lis-superstiti ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru*	0%	0%	0%	100%	• Għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li ntlaħqu minn attivitajiet ta' appoġġ u ta' bini tal-kapaċitajiet; • Għadd ta' miżuri biex jappoġġaw is-servizzi għall-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru (eż. għadd ta' postijiet ta' kenn, ta' ċentri għall-vittmi ta' stupru u ta' ċentri ta' konsulenza);	• Għadd ta' persuni milħuqa skont l-attivitajiet – skont il-ġeneru;

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Drittijiet, ugwaljanza u ġustizzja	Demokrazija u drittijiet	419	Tintemm il-vjolenza***, kemm offline kif ukoll online,*** kontra n-nisa u l-bniet u gruppi oħra f'riskju u miżuri li jappoġġaw lill-vittmi u lis-superstiti ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru*	0%	0%	0%	100%	• Għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li ntlaħqu minn attivitajiet ta' appoġġ u ta' bini tal-kapaċitajiet; • Għadd ta' miżuri biex jappoġġaw is-servizzi għall-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru (eż. għadd ta' postijiet ta' kenn, ta' ċentri għall-vittmi ta' stupru u ta' ċentri ta' konsulenza);	• Għadd ta' persuni milħuqa skont l-attivitajiet – skont il-ġeneru;

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 440

Test propost mill-Kummissjoni

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Soċjali	Impjiegi u suq tax-xogħol	440	Promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa u ***tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** fis-suq tax-xogħol*	0%	0%	0%	100%	• Għadd ta' parteċipanti – skont il-ġeneru, skont l-istatus tas-suq tax-xogħol, skont l-età u skont il-livell ta' edukazzjoni;	• Għadd ta' parteċipanti – skont l-istatus wara l-parteċipazzjoni (il-kisba ta' kwalifika, involuti fit-tiftix ta' impjieg, fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ, fl-impjieg) u skont il-ġeneru;

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Soċjali	Impjiegi u suq tax-xogħol	440	Promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa ***fis-suq tax-xogħol*** u ***tnaqqis tas-segregazzjoni abbażi tal-ġeneru*** fis-suq tax-xogħol*	0%	0%	0%	100%	• Għadd ta' parteċipanti – skont il-ġeneru, skont l-istatus tas-suq tax-xogħol, skont l-età u skont il-livell ta' edukazzjoni;	• Għadd ta' parteċipanti – skont l-istatus wara l-parteċipazzjoni (il-kisba ta' kwalifika, involuti fit-tiftix ta' impjieg, fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ, fl-impjieg) u skont il-ġeneru;

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 440a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Soċjali	***Impjiegi u suq tax-xogħol***	***440a***	***Promozzjoni tal-investiment u l-impjiegi formali fis-settur tal-indukrar, żgurar ta' impjiegi ta' indukrar ta' kwalità****	***0%***	***0%***	***0%***	***100%***	• ***Għadd u sehem ta' persuni milħuqa minn azzjonijiet għall-promozzjoni tal-impjiegi formali fis-settur tal-indukrara, l-iżgurar ta' impjiegi ta' indukrar ta' kwalità – skont il-ġeneru;***	• ***Għadd u sehem ta' persuni milħuqa minn azzjonijiet għall-promozzjoni tal-impjiegi formali fis-settur tal-indukrar, l-iżgurar ta' impjiegi ta' indukrar ta' kwalità – skont il-ġeneru;***

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 455a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Soċjali	***Saħħa***	***455a***	***Ċiklu tal-ħajja tas-saħħa tan-nisa****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' studji, riċerka u trattamenti speċifiċi li jiffukaw fuq il-mestrwazzjoni, il-menopawża u s-saħħa mentali;***	• ***Perċentwal ta' żieda fir-rappreżentanza tan-nisa fl-istudji kliniċi, essenzjali għat-titjib tal-fehim mediku u tal-eżiti tat-trattamenti;*** • ***Perċentwal ta' żieda fil-finanzjament għar-riċerka dwar is-saħħa tan-nisa;***

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 460a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati

Soċjali	***Saħħa***	***460a***	***Saħħa riproduttiva fil-pajjiżi tal-UE****	***0%***	***0%***	***0%***	***40%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati biex jittejbu s-servizzi tas-saħħa riproduttiva fil-pajjiżi tal-UE;*** • ***Għadd u sehem ta' nisa li jibbenefikaw minn servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva b'xejn jew sussidjati, inkluża l-kontraċezzjoni;***	• ***Sehem ta' nisa u bniet li jaċċessaw servizzi tas-saħħa riproduttiva;*** • ***Sodisfazzjon tan-nisa u l-bniet bis-servizzi tas-saħħa riproduttiva;*** • ***Għadd ta' faċilitajiet tas-saħħa li jiffukaw fuq l-għoti ta' servizzi u konsultazzjoni tal-kura tas-saħħa riproduttiva tan-nisa u l-bniet;*** • ***Politiki u programmi bl-għan li jtejbu s-saħħa sesswali u riproduttiva taċ-ċittadini tal-UE;*** • ***Monitoraġġ u evalwazzjoni regolari tal-progress, il-kwalità u l-effettività tal-programmi tas-saħħa riproduttiva fl-Ewropa***;

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 466a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Soċjali	***Riformi***	***466a***	***Interventi u riformi għall-promozzjoni ta' paga ugwali u l-indipendenza ekonomika tan-nisa****	***0%***	***0%***	***0%***	***100%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati għall-promozzjoni ta' paga ugwali u l-indipendenza ekonomika tan-nisa;*** • ***Għadd ta' intrapriżi li jimplimentaw miżuri ta' trasparenza fil-pagi u miżuri biex tiġi żgurata paga ugwali – mikro, żgħar u medji, u kbar;*** • ***Għadd ta' nisa appoġġati permezz ta' programmi li jippromwovu l-indipendenza ekonomika tan-nisa (eż. taħriġ fil-ħiliet, intraprenditorija, aċċess għall-finanzi);***	• ***Għadd ta' liġijiet, politiki jew regolamenti adottati jew riveduti biex jippromwovu paga ugwali u l-indipendenza ekonomika tan-nisa;*** • ***Differenza fl-pagi bejn il-ġeneri skont is-setturi, skont ir-reġjuni, skont il-pajjiżi;*** • ***Livelli ta' introjtu tan-nisa;*** • ***Sehem ta' nisa f'impjieg formali;***

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Anness I – Ringiela 466b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qasam ta' politika (livell 1)	Qasam ta' politika (livell 2)	#	Qasam ta' intervent	CCM	CCA	ENV	SOC	Indikatur tal-output	Indikatur tar-riżultati
Soċjali	***Riformi***	***466b***	***Riformi li jippromwovu l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' indukrar bejn in-nisa u l-irġiel; u li jinkoraġġixxu lill-missirijiet jieħdu liv tal-paternità u tal-familja****	***0%***	***0%***	***0%***	***100%***	• ***Għadd ta' azzjonijiet iffinanzjati biex jippromwovu l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' indukrar bejn in-nisa u l-irġiel;*** • ***Għadd ta' liġijiet fis-seħħ biex jippromwovu l-kondiviżjoni ugwali tal-liv tal-ġenituri u tal-liv tal-familja fost in-nisa u l-irġiel;***	• ***Ħin imqatta' fuq indukrar mhux imħallas skont il-ġeneru, skont it-tipi ta' indukrar;*** • ***Sehem ta' missirijiet u ommijiet li jieħdu liv tal-ġenituri – skont it-tul ta' żmien;***

* Qasam ta' intervent bl-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali ("punteġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2")

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Anness IV

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Lista ta' programmi u attivitajiet li jintegraw il-ġeneru	***imħassar***
(1) Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali	
(2) Fond Ewropew għall-Kompetittività	
(3) Programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni	
(4) Programm Ewropa Globali	
(5) Erasmus – Korp Ewropew ta' Solidarjetà	
(6) Ewropa Kreattiva – Ċittadini, ugwaljanza, drittijiet u valuri	
(7) Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili	
(8) Programm għall-Ġustizzja	
(9) Programm ta' Għajnuna għall-komunità Ċiprijotta Torka	
(10) Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej (inkluż Greenland)	

Or. en